



Brussell, 23 ta' Lulju 2026

CM 3756/1/26
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0429(COD)

CODEC
JAI
ENFOPOL
CRIMORG
IXIM
DATAPROTECT
CYBER
COPEN
FREMP
TELECOM
COMPET
MI
CONSOM
DIGIT
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: codecision.adoption@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32.2.281.2480

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online **(it-tieni qari)**

Eżitu tal-proċedura bil-miktub mibdija bid-dokument CM 3755/26:

– Approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew

= TMIEM TAL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-proċedura bil-miktub, mibdiya bid-dokument CM 3755/26 tat-22 ta' Lulju 2026 tlestiet fit-23 ta' Lulju 2026 u li d-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur, ħlief l-Ungerija li vvutat kontra u l-Belġju li astjena, l-approvazzjoni tal-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online kif jinsabu fid-dokument 11703/26 u wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokument PE-CONS 14/26.

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għalhekk, l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari huma approvati u l-att inkwistjoni huwa adottat.

Id-dikjarazzjoni minn Franza hija riprodotta fl-Anness ta' dan is-CM u ser tiġi inkluża fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Franza talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

L-awtoritajiet Franċiżi jtennu l-appoġġ tagħhom għall-oġettiv li jiġi miġġieled b'mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal imwettaq online u li jiġi stabbilit qafas legali adattat għall-isfidi tal-identifikazzjoni ta' tali kontenut.

Għalhekk, huma jilqgħu b'sodisfazzjon iż-żamma, sa April 2028, tal-ambitu tal-kontenut li jista' jiġi identifikat online fuq bażi volontarja mill-fornituri tas-servizzi, kif previst fit-test adottat fit-tieni qari mill-Parlament Ewropew.

Madankollu, jinsabu mħassba ħafna dwar l-emenda adottata mill-Parlament Ewropew dwar l-esklużjoni ta' komunikazzjoni kriptata. Il-formulazzjoni użata hija wiesgħa ħafna.

L-awtoritajiet Franċiżi jqisu wkoll li l-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti dwar il-kriptaġġ stabbilit mill-Kummissjoni, li huma mistennija f'Novembru u li jridu jipproponu pjan direzzjonali teknoloġiku, ma għandhomx jiġu preġudikati.

Bl-għan li ma jdewmux l-adozzjoni tat-test sabiex r-rapporti jkunu jistgħu jitkomplew abbażi tar-regolament ta' deroga, huma japprovaw it-test iżda jiddispijaċihom li n-negozjati ma ppermettewx li l-kwistjonijiet rigward l-aċċess għad-data jitqiesu b'mod sodisfaċenti. Għandha ssir distinzjoni xierqa bejn dan it-test u l-abbozz ta' Regolament sabiex jinħoloq reġim għad-detezzjoni ta' kontenut ta' abbuż sesswali tat-tfal online li jibqa' validu fil-futur.